MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 884/2005

**Emmanuel u Angiolina konjugi Azzopardi (495658M) u (98765M)**

**Vs**

**Emmanuel Delicata & Sons Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erba' mija w erbgha u sittin lira Maltin u erba' centezmi (Lm464.04c) rapprezentanti *commission* dovuta lil Emmanuel Azzopardi u dan kif gie kkonfermat u accettat mis-socjeta' konvenuta permezz ta' Ittra datata 30 ta' Gunju, 2004 annessa ma' l-atti.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-atturi kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Pierre Mousu, Emmanuel Azzopardi, Mario Delicata u ta' Anthony Bonello.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Lydia Zerafa ghall-atturi u ta' Dr Vanessa Borg ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur Emmanuel Azzopardi kien jahdem bhala *salesman* mas-socjeta' konvenuta u kien hemm ftehim mas-socjeta' konvenuta illi meta jsir il-bejgh ta' prodotti tas-socjeta' konvenuta, l-attur ikollu dritt ghall-*commission* fuq l-istess bejgh izda dan il-*commission* jigi mhallas lilu meta, dak li jkun inxtara, jkun attwalment hallas lis-socjeta' konvenuta.  Dan ifisser illi ghalkemm l-attur ikun intitolat ghall-*commission* minghand is-socjeta' konvenuta, l-obbligu ghall-hlas jiskatta biss meta s-socjeta' konvenuta tircievi l-pagament ta' l-*invoice* partikolari minghand il-klijent li jkun akkwista l-prodott.

Gara illi l-attur temm l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta u sa dak il-mument kien hemm pendenti lill-attur l-ammont ta' erba' mija w erbgha u sittin lira Maltin u erba' centezmi (Lm464.04c) rapprezentanti l-persentagg tal-*commission* dovut lill-attur mill-bejgh li jkun sar minnu u liema bejgh ma kienx ghadu mhallas mill-klijenti rispettivi.

In vista ta' dan, is-socjeta' konvenuta tramite d-direttur ta' l-affarijiet pubblici Anthony Bonello kkonferma illi tali *commission* ikun dovut lill-attur izda jithallas lilu fuq bazi regolari u f'Ittra inghad hekk:

"Say every quarter, when the documents concerned are released for payment."

Gara illi wara li l-attur spicca mill-impjieg minn mas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' konvenuta ma hallsitu l-ebda ammont minn tali *commissions* u ghalhekk ipprezenta l-kawza odjerna.

Is-socjeta' konvenuta qieghda ssostni li minn tali *commissions* m'hija obbligata thallas xejn ghaliex biex jithallas tali *commission*, l-attur irid ikun, minn barra li ghamel il-bejgh, gabar il-flus minghand il-klijent u galadarba l-attur ma baqax aktar fl-impjieg mas-socjeta' konvenuta, u li l-flus gew migburin minn haddiehor, allura l-attur ma jistax jitlob il-kumpens tal-*commissions*.

Mill-provi jirrizulta li fil-fatt, sa dakinhar li kien impjegat l-attur, il-*policy* vigenti tas-socjeta' konvenuta illi meta mpjegat ma jkunx jista' jigbor il-*commissions* huwa nnifsu bhal meta per ezempju jkun hemm *rotation* tad-distretti bejn is-*salesmen*, il-*commission* xorta jithallas lill-persuna li jkun attwalment ghamel il-bejgh minkejja l-fatt illi fir-realta', l-gbir tal-flus ikun sar minn *salesman* iehor. Dan anki japplika fil-kaz ta' *salesman* li jkun ma jiflahx.

Inoltre, jirrizulta pruvat li kien hemm okkazjoni precedenti simili ghall-kawza odjerna fejn is-socjeta' konvenuta addottat l-istess sistema u ghalhekk, minn zmien ghal zmien, wara li ntemm l-impjieg ta' din il-persuna, kienu jaraw x'*commissions* ikunu dovuti u jithallsu minn zmien ghal zmien lill-ex impjegat taghhom.

Wara li l-attur temm l-impjieg tieghu, s-socjeta' konvenuta bidlet il-*policy* taghha w illum il-gurnata hadet *stand* illi jekk impjegat jitlaq ma jibqax aktar intitolat ghal tali *commissions*, izda fil-fatt jirrizulta illi sakemm kien impjegat l-attur, il-*policy* kienet l-istess bhall-antik u ghalhekk kien hemm ftehim milhuq bejn iz-zewg partijiet li l-attur jircievi l-*commissions* man mano li l-*invoices* rispettivi jithallsu lis-socjeta' konvenuta. Ex post facto s-socjeta' konvenuta ma tistax unilateralment tbiddel dan il-ftehim.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi sal-14 ta’ Dicembru, 2005 kienu thallsu diversi mill-*invoices* tas-*sales* li kien ghamel l-attur u sa dakinhar il-*commissions* kienu telghu ghal tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm372). It-Tribunal jidhirlu illi dan l-ammont huwa realment dovut lill-attur u ghar-rigward tad-differenza bejn dak mitlub u dak dovut sal-14 ta’ Dicembru, 2005 qieghda ssir riserva specifika biex, jekk u meta tali somma tingabar mis-socjeta’ konvenuta, l-*commissions* rispettivi jithallsu lill-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa’ parzjalment it-talba ta’ l-atturi u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm372). L-ispejjez tal-kawza jkunu kwantu ghal 1/5 ghall-atturi u 4/5 ghas-socjeta’ konvenuta b’riserva favur l-atturi ghad-differenza bejn l-ammont mitlub u l-ammont likwidat u deciz f’din is-sentenza meta l-*invoices* rispettivi jkunu thallsu mill-klijenti tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------